

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8633/21

CT 63
ENFOPOL 177
COTER 61
JAI 519

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8036/1/21 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-theddida tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż l-impatt fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti u l-attivitajiet tagħhom - <i>Approvazzjoni</i>

1. Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Presidenza Portugiża li kien imiss bagħtet kwestjonarju dwar il-politiki għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet (CM 5237/20), sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-theddida li tirriżulta mit-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, b'mod partikolari fuq l-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti.

2. L-abbozz meħmuż ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-theddida tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż l-impatt fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti u l-attivitajiet tagħhom", huwa bbażat fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju, id-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu tas-6 ta' Jannar u t-28 ta' April 2021, il-kummenti bil-miktub tal-Istati Membri, il-preżentazzjonijiet u l-valutazzjonijiet mill-Istati Membri kif ukoll mill-INTCEN u l-Europol dwar is-suġġett, il-ħidma mill-Kummissjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-ħidma ta' prevenzjoni¹, u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu².
3. Il-konklużjonijiet għandhom jitqiesu fil-kuntest tad-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill ippjanat għat-8 ta' Ġunju 2021 dwar "Il-COVID-19 u l-ġlieda kontra l-kriminalità: sena wara" u l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi fuq l-istess suġġett.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jidher fl-Anness, u jibgħathom lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

¹ "Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni waqt pandemiji" u "Orjentazzjonijiet strateġiċi dwar approċċ koordinat tal-UE għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għall-2021 - Prijoritajiet u azzjonijiet ewlenin".

² "It-terroriżmu fi Żmien il-Corona: L-iżvilupp tat-theddida terroristika b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19" (7838/1/20 REV 1).

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR

"L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-theddida tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż l-impatt fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti u l-attivitajiet tagħhom"

Introduzzjoni

1. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jqis li t-theddida terroristika għall-Istati Membri, għalkemm għadha għolja, s'issa għadha ma żdiditx bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, xi attivitajiet terroristiċi marru aktar online u żieda fir-radikalizzazzjoni diġà tista' tiġi pperċepita fost xi gruppi.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) u għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (CVE) kellhom jadattaw għal-limitazzjonijiet maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 u jiddependu dejjem aktar minn kapaċitajiet (siguri u effiċjenti) online.
3. Il-Kunsill jivvaluta wkoll li, fuq perijodu medju sa twil, il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 jista' jkollhom impatt negattiv fuq it-theddid terroristiku u estremista vjolenti, li jikkontribwixxi għat-tkabbir ta' żoni fertili għar-radikalizzazzjoni fuq diversi spettri ideoloġiċi.
4. Il-Kunsill huwa għalhekk impenjat li jiżgura li l-awtoritajiet responsabbli għas-CT u għas-CVE fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-mezzi u l-għodod adegwati li jippermettulhom jirrispondu kontinwament u b'mod effiċjenti għat-theddid terroristiku u estremista li qed jevolvi.

Sitwazzjoni attwali

5. Il-Kunsill jinnota li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-awtoritajiet responsabbli għas-CT u għas-CVE varja; is-servizzi tal-intelligence dwar is-sigurtà u l-biċċa l-kbira tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ġew ikkonfrontati b'limitazzjonijiet fuq xi wħud mill-attivitajiet tagħhom, bħal laqgħat fiżiċi jew ħidma operazzjonali, filwaqt li awtoritajiet kompetenti oħra ma esperjenzawx dan.

6. Il-Kunsill jenfasizza li r-rwol tad-dimensjoni online żdied mill-bidu tal-pandemija 'l hawn, mhux biss minħabba li xi wħud mit-theddiet terroristiċi u estremisti nbidlu dejjem aktar minn ambjent fiżiku għal ambjent online (pereżempju l-komunikazzjoni, il-finanzjament, il-propaganda, ir-radikalizzazzjoni, ir-reklutaġġ eċċ.) u użaw b'mod aktar estensiv firxa usa' ta' teknoloġiji u għodod ġodda (kriptoaluti, applikazzjonijiet kriptati, siti tal-web 3.0 deċentralizzati eċċ.), iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet responsabbli għas-CT u għas-CVE kellhom bżonn jibdlu għal (aktar) attivitajiet online għall-ħidma tagħhom.
7. Il-Kunsill jagħraf l-isfidi li ħolqot is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 għall-ħidma ta' kuljum tal-awtoritajiet l-awtoritajiet responsabbli għall-għieda kontra t-terroriżmu u l-għieda kontra l-estremiżmu vjolenti, speċjalment meta jittrattaw informazzjoni klassifikata u jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinstab il-bilanċ ġust bejn il-garanzija tal-kapaċità operazzjonali u s-sigurtà għall-attivitajiet online tas-CT u tas-CVE, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata.
8. Madankollu, il-Kunsill jirrimarka li għalkemm il-laqgħat u l-attivitajiet fiżiċi huma kruċjali għall-attivitajiet tas-CT u tas-CVE, speċjalment meta bbażati fuq "relazzjonijiet ta' fiduċja", sforzi konġunti u sinerġiji reċiproċi jistgħu jinkisbu online, u dan jippermetti lill-awtoritajiet jiffrankaw il-ħin u jippreservaw ir-riżorsi finanzjarji u ambjentali meta r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u s-sigurtà tan-network jippermettu dan.
9. Għalkemm il-Kunsill jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 ma rriżultatx f'żieda ċara f'attakki terroristiċi, fuq terminu medju sa twil, huwa probabbli li l-pandemija u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha jistgħu jkunu żona fertili favorevoli għat-tnissil ta' narrattivi estremisti (għal diversi ideoloġiji). F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-gruppi estremisti tax-xellug estrem, tal-lemin estrem, u tal-estremisti Iżlamiċi diġà inkorporaw il-COVID-19 fin-narrattivi tagħhom. Aktar konsiderazzjonijiet huma relatati mal-inċertezza u l-ansjetà maħluqa mill-pandemija, kif ukoll il-fatt li qed jitqatta' aktar ħin online li jista' jżid il-vulnerabbiltà għal narrattivi estremisti vjolenti.

10. Il-Kunsill jagħraf li xi friegħi vjolenti ta' movimenti ta' "coronavirus deniers" u ta' gruppi li jopponu miżuri tal-gvern biex irażżnu l-imxija tal-COVID-19, li attiraw estremisti minn diversi sfondi ideoloġiċi, eventwalment jistgħu joħolqu sfidi ta' sigurtà minħabba l-potenzjal tagħhom li jwettqu atti vjolenti u, għalhekk, skont kif jevolvu, jistgħu jkunu meħtieġa aktar sforzi biex jindirizzawhom.

Ħtieġa li tittieħed azzjoni

11. B'kont meħud tas-sitwazzjoni, il-Kunsill jagħraf il-ħidma li diġà twettqet fl-Istati Membri, fl-oqfsa nazzjonali tagħhom stess u permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, biex jagħgornaw b'mod kostanti l-fehim u l-valutazzjoni tad-dimensjoni online tat-theddid terroristiku u estremista vjolenti, u jistieden lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu kontinwament għall-fehim u l-valutazzjoni fuq bażi volontarja billi jipprovdu informazzjoni lill-korpi rilevanti tal-UE. F'dan il-kuntest, u skont il-mandati rispettivi tagħhom, l-INTCEN u l-Europol għandhom ikomplu japprofondixxu l-valutazzjoni tagħhom tal-impatt tal-pandemija fuq operazzjonijiet terroristiċi kif ukoll tentattivi possibbli minn organizzazzjonijiet terroristiċi u gruppi estremisti vjolenti biex jisfruttaw il-kriżi attwali.
12. Il-Kunsill JISTIEDEN lill-Istati Membri biex malajr jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tar-Regolament biex jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online³, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet biex jipprovdu appoġġ kontinwu lill-Istati Membri bl-għarfien espert tekniku u operazzjonali tagħhom.
13. Abbażi tad-dimensjoni online tat-theddid terroristiku u estremista vjolenti u fenomeni relatati oħra, bħall-polarizzazzjoni tas-soċjetà, id-diżinformazzjoni u l-movimenti vjolenti ta' "coronavirus deniers", kif ukoll il-possibbiltajiet teknoloġiċi attwali bħal dawk marbuta mal-intelliġenza artifiċjali, il-Kunsill JISSOTTOLINJA li l-influwenza tal-algoritmi u r-rwol tagħhom fit-trawwim tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti huma punt ewlieni ieħor li jistħoqqlu l-attenzjoni⁴.

³ [Għandha tiddaħħal id-data tal-pubblikazzjoni fil-ĠU]

⁴ 12735/20: Ir-rwol tal-amplifikazzjoni algoritmika fil-promozzjoni ta' kontenut vjolenti u estremist u t-tixrid tiegħu fuq pjattaformi u media soċjali (dokument ta' Diċembru 2020 mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu).

14. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma MĦEĠĠA jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu t-tipi kollha ta' propaganda estremista u terroristika illegali, l-inċitament għall-vjolenza u l-finanzjament illegali ta' diskors ta' mibegħda u estremiżmu vjolenti, WAQT LI JISSOTTOLINJA l-kontribut importanti li l-intermedjarji tal-fornituri tas-servizzi tal-internet jistgħu jipprovdu fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-amplifikazzjoni tiegħu, ukoll fil-kuntest tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali li qed jiġi diskuss bħalissa.
15. Il-Kunsill jinnota wkoll li għandha tingħata aktar attenzjoni lit-theddid emerġenti u lir-riskji għas-sigurtà, kif ukoll l-oportunitajiet li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda. Huwa jissottolinja r-rwol taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE bħala osservatorju ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda u mutur tal-innovazzjoni, inkluż billi jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi standard għall-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà interna f'konformità mal-mandati tal-aġenziji involuti.
16. B'mod partikolari, b'kont meħud tal-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-valutazzjoni li parti mill-isforzi u s-sinerġiji jistgħu jsiru online - irrISPettivament mill-pjattaformi u s-sistemi ta' komunikazzjoni siguri diġà użati mill-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom - il-Kunsill JIRRIKONOXXI wkoll u JISSOTTOLINJA l-importanza kbira li jkomplu jiġu żviluppati sistemi siguri tal-VTC li jippermettu li tiġi diskussa informazzjoni klassifikata. Il-Kunsill JAGĦRAF ukoll l-importanza li jkomplu jiġu żviluppati mezzi siguri għall-iskambju bil-miktub ta' informazzjoni klassifikata.
